Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Diċembru 2021**
**(OR. en)**

**14550/21**

**PUBLIC 107**
**INF 306**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - SETTEMBRU 2021 |

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'Settembru 2021.[2][3]

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

---

[1] Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmijin fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara t-test *bil-korsiv*).

[2] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ għajr jekk adottati bi proċedura bil-miktub.

[3] Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġiżlattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż- żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium.

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq: https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document-form/

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2021 | |
|---|---|
| **It-3812-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fil-21 ta' Settembru 2021**<br>(Minuti: 12228/21 + ADD1) | |
| ATTI LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Regolament dwar l-estensjoni tal-perijodu ta' validità għal operazzjonijiet fiċ-Channel Fixed Link*<br>Regolament (UE) 2021/1701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2222 biex jestendi l-perjodu tal-validità taċ-ċertifikati u l-liċenzji tas-sikurezza tal-impriżi ferrovjarji li joperaw fiċ-Channel Fixed Link (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 339, 24.9.2021, p. 1-3 | 62/21 |
| *Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 4/2021: Aġġornament tad-dħul*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2021 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 2021/C 384 I/01<br>ĠU C 384I , 22.9.2021, p. 1-2 | 11489/21 |
| *Regolament tal-Kunsill li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/840 li jistabbilixxi*<br>*l-programm Pericles IV*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696 tal-21 ta' Settembru 2021 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar- Regolament (UE)2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perijodu 2021-2027 (il-programm "Pericles IV")<br>ĠU L 336, 23.9.2021, p. 1-2 | 13255/1/20<br>REV 1 |

| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT |
| *Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 34/c/02/21* | 11274/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1694 tal-21 ta' Settembru 2021 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW)<br>ĠU L 334, 22.9.2021, p. 14-21 | 11197/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1695 tal-21 ta' Settembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)<br>ĠU L 334, 22.9.2021, p. 22-23 | 11264/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon u l-Impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1693 tal-21 ta' Settembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2010 b'appoġġ għall-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' Armi Ħfief, ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-Munizzjon u l-Impatt tagħhom fl-Amerka Latina u l-Karibew fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti u l-Munizzjoni tagħhom "Aktar Sigurtà fuq l-Armi Biex Nipproteġu liċ-Ċittadini"<br>ĠU L 334, 22.9.2021, p. 12-13 | 11471/21 + COR 1 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE għall-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jiġu emendati l-Annessi tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1710 tal-21 ta' Settembru 2021 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali stabbilit bil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni biex jiġu emendati l-Annessi tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali<br>ĠU L 339, 24.9.2021, p. 89-122 | 10811/21 |
| **It-3813-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret Brussell fit-28 u d-29 ta' Settembru 2021**<br>(Minuti: 12354/21 + ADD1) | |
| ATTI LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu (CBCR)*<br>Pożizzjoni (UE) Nru 35/2021 fl-Ewwel Qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat Adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2021 (Test b'relevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU C 416, 13.10.2021, p. 1-14 | 9722/21 REV1 |
| Pożizzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 35/2021 fl-Ewwel Qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat Adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2021 - Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>ĠU C 416, 13.10.2021, p. 15-16 | 9722/21 REV1 ADD1 |

| | |
|---|---|
| *Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali*<br>Regolament (UE) 2021/1756 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali fuq l-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jiġu esportati minn pajjiżi terzi fl-Unjoni biex tiġi żgurata l-konformità mal-projbizzjoni ta' ċerti użi ta' antimikrobiċi u r-Regolament (KE) 853/2004 rigward il-provvista diretta ta' laħam tat-tiġieġ u lagomorfi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 357, 8.10.2021, p. 27-30 | 46/21 REV 1 |
| *Regolament dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)*<br>Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit<br>ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1-26 | 59/21 REV 1 |
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| *Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) mal-Marokk u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1750 tat-28 ta' Settembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/440 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu<br>ĠU L 349, 4.10.2021, p. 1-4 | 11540/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPA) mal-Mauritius*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Mauritus għall-konklużjoni ta' Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius | 11508/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll (servizzi regolari) għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) rigward it-trasport internazzjonali regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank | 11441/20 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tal-Banco de España*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1746 tat-28 ta' Settembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España<br>ĠU L 350, 4.10.2021, p. 3-4 | 11421/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1747 tat-28 ta' Settembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banka Slovenije<br>ĠU L 350, 4.10.2021, p. 5-6 | 11422/21 |
| *Miżuri restrittivi fir-rigward tal-Guinea-Bissau - rieżami*<br>Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau<br>ĠU C 393, 29.9.2021, p. 5-5 | 11964/21 |
| Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau<br>ĠU C 393, 29.9.2021, p. 7-7 | 11964/21 |
| *Miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela - prenotifiki*<br>Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela<br>ĠU C 393, 29.9.2021, p. 6-6 | 11993/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-Ġlieda kontra l-Kummerċ Illeċitu u l-Proliferazzjoni ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab - Fażi II*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1726 tat-28 ta' Settembru 2021 b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu u l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-Istati Membri tal-Lega tal-Istati Għarab – Fażi I<br>ĠU L 344, 29.9.2021, p. 7-16 | 11407/21 + ADD 1 REV 1 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-istabbiliment ta' Kumitat Tekniku dwar it-Trasport fuq l-Ilma u l-Multimodalità*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1743 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-istabbiliment ta' Kumitat Tekniku dwar it-Trasport fuq l-Ilma u l-Multimodalità<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 27-28 | 11490/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-15-il Assemblea Ġenerali tal-2021 tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1744 tat-28 ta' Settembru 2021 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-15-il Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)<br>ĠU L 351, 4.10.2021, p. 1-10 | 11576/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward il-Linja Komuni dwar it-tnaqqis temporanju tal-pagament akkont minimu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tal-Linja Komuni dwar it-tnaqqis temporanju tad-depożitu minimu | 11589/21 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kummissjoni OSPAR għall-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES") u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1796 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward ta' deċiżjoni dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Muntanja Sottomarina Evlanov (l-"MPA tan-NACES") u rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni tal-MPA tan-NACES<br>ĠU L 361, 12.10.2021, p. 46-47 | 11270/21 REV 1 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Settembru 2021** | **CM 4352/21** |
|---|---|
| *Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2021 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022<br>ĠU C 360I, 8.9.2021, p. 1-2 | 10551/21 |
| 1. Dikjarazzjoni dwar il-pagamenti<br><br>Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-programmi tal-Unjoni, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u attivament, matul is-sena 2022, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali u preċedenti (b'mod partikolari taħt is-subintestatura 2a u Żvilupp Rurali). Għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta b'mod f'waqtu ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2022 (filwaqt li tqis, fejn applikabbli, l-akkuratezza tal-previżjonijiet imtejba tal-Istati Membri). Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2022 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet ġustifikati, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-awtorità baġitarja tkun tista' tieħu kwalunkwe deċiżjoni kemm jista' jkun malajr mingħajr dewmien bla bżonn għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Kunsill ser jieħu kont tal-urġenza tal-kwistjoni, u jnaqqas il-perijodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika mutatis mutandis jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2022 ikunu ogħla minn kemm ikun meħtieġ.<br><br>Il-Kunsill ser jeżamina bir-reqqa l-ittra emendatorja li tikkonċerna l-agrikoltura (li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul assenjat) sabiex jivvaluta kif xieraq il-livell ta' riżorsi taħt l-intestatura 3 (Riżorsi naturali u ambjent) fil-baġit għall-2022.<br><br>2. Dikjarazzjoni dwar NGEU<br><br>Il-Kunsill ifakkar li skont l-Artikolu 5 paragrafu 2 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (UE, Euratom) 2020/2053 il-ħlas lura tal-kapital tal-fondi li jiffinanzjaw l-Istrument Ewropew għall-Irkupru (NGEU) għandu jibda qabel tmiem il-perijodu tal-QFP 2021-2027, b'ammont minimu, sakemm l-ammonti ma jintużawx għal pagamenti ta' imgħax. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ bi proposta qabel il-perijodu ta' konċiljazzjoni dwar kif għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (UE, Euratom) 2020/2053. | 10550/21 + ADD1 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' Settembru 2021** | **CM 4359/21** |
|---|---|
| *Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)*<br>Pożizzjoni (UE) Nru 34/2021 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' Settembru 2021<br>ĠU C 379, 17.9.2021, p. 1-26 | 6604/21 REV 1 |
| Pożizzjoni (UE) Nru 34/2021 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) Adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Settembru 2021 - Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill<br>ĠU C 379, 17.9.2021, p. 27-29 | 6604/21 REV 1 ADD1 |

| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija** | CM 4359/21 |
| --- | --- |
| Il-finanzjament tal-IPA jikkontribwixxi għall-prosperità tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali u jipprovdi l-mezz għall-konnessjoni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. Għalhekk, l-Ungerija hija favur l-aċċess rapidu għall-finanzjament tal-IPA għall-pajjiżi konċernati.<br><br>It-test tar-Regolament ġie mtejjeb bl-inkorporazzjoni ta' diversi emendi minn tagħna. Madankollu, fir-rigward tar-referenzi għall-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru u l-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill fir-Regolament IPA, irid jiġi nnutat li t-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru (GAP III), adottat mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli fil-25 ta' Novembru 2020, ma ġiex approvat mill-Istati Membri kollha. Peress li t-tielet Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru hu bbażat fuq definizzjoni ta' ġeneru li mhux kompatibbli mal-qafas kostituzzjonali Ungeriż u ma ġiex approvat mill-Istati Membri kollha, l-Ungerija mhix ser tieħu sehem fl-implimentazzjoni tal-GAP III. Referenzi għall-GAP III jew is-sitt oqsma ta' politika tematiċi prinċipali tal-GAP III fir-Regolament IPA għandhom jinftiehmu f'dan il-kuntest u jridu jitqiesu l-limitazzjonijiet ikkawżati minn din is-sitwazzjoni.<br><br>Barra minn hekk, ma hemmx kunsens internazzjonali dwar id-definizzjoni tat-terminu "saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR)", inkluż fl-Unjoni Ewropea. Din il-kwistjoni hija interpretata mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha.<br><br>L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess". Għalhekk, fir-rigward tal-indikaturi, l-Ungerija qed tifhem li dawn huma bbażati fuq "data diżaggregata skont is-sessi", fejn dan hu rilevanti u jekk dik id-data tkun disponibbli. | |

| Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar djalogu ġeopolitiku mal-Parlament Ewropew dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) | CM 4359/21 |
|---|---|
| Il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tqis il-funzjonijiet ta' kontroll politiku tal-Parlament Ewropew stabbiliti fl-Artikolu 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, timpenja ruħha li twettaq djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli bejn iż-żewġ istituzzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2021/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III). Dan id-djalogu għandu jippermetti skambji mal-Parlament Ewropew, li l-pożizzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-IPA III ser jitqiesu bis-sħiħ, b'rispett sħiħ għall-kapaċità tal-Kummissjoni li timplimenta l-istrument, f'konformità mar-responsabbiltajiet istituzzjonali tagħha.<br><br>Id-djalogu ġeopolitiku ser jiddiskuti orjentazzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-IPA III, inkluż dwar l-ipprogrammar qabel l-adozzjoni tal-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA III u d-dokumenti ta' programmazzjoni, u rigward suġġetti speċifiċi bħas-sospensjoni tal-assistenza lil benefiċjarju meta dan jonqos b'mod persistenti milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett lejn id-drittjiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.<br><br>Id-djalogu ġeopolitiku ser ikun strutturat kif ġej:<br><br>i) Djalogu ta' livell għoli bejn il-Kummissarju inkarigat mill-Viċinat u t-Tkabbir, f'isem il-Kummissjoni, u l-Parlament Ewropew.<br><br>ii) Djalogu permanenti fil-livell ta' uffiċjali għolja mal-gruppi ta' ħidma tal-AFET biex jiġu ggarantiti tħejjija u segwitu adegwati għad-djalogu ta' livell għoli.<br><br>Id-djalogu ta' livell għoli ser isir mill-inqas darbtejn fis-sena. Waħda mil-laqgħat tista' tikkoinċidi mal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' baġit annwali. | |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar in-natura konsultattiva tal-bordijiet strateġiċi bħal fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2021/XXX/ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XX/XX 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)** | CM 4359/21 |
| Il-Kummissjoni Ewropea tfakkar li kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament IPA III, il-bord strateġiku tal-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF, Western Balkans Investment Framework) huwa korp konsultattiv għall-Kummissjoni. Dan huwa allinjat mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-NDICI – Ewropa Globali, li jirreferi għall-bordijiet strateġiċi tad-WBIF u tal-EFSD+. Dawn il-bordijiet strateġiċi ma għandhomx setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Ir-Regoli ta' Proċedura għall-bord strateġiku tad-WBIF ser jiġu stabbiliti fuq din il-bażi. | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-modulazzjoni/is-sospensjoni tal-assistenza fl-Artikolu 8, paragrafu 5 tar-Regolament Nru 2021/XXX/ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XX/XX 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)** | CM 4359/21 |
| Il-Kummissjoni Ewropea tqis li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 8(5) tirrispetta s-setgħat tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, u l-baġit tal-Unjoni b'mod ġenerali, dment li tkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat fdati lill-Kummissjoni mit-Trattati u mir-Regolament Finanzjarju li tissospendi l-assistenza tal-Unjoni pprovduta lil pajjiżi terzi. | |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-8 ta' Settembru 2021** | **CM 4332/21** |
| *Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda u ċ-Ċekja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda | 11046/21 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja | 11047/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fid-9 ta' Settembru 2021** | **CM 4426/21 REV 1** |
| *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1459 tad-9 ta' Settembru 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni<br>ĠU L 320, 10.9.2021, p. 1-4 | 11625/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-10 ta' Settembru 2021** | **CM 4321/21** |
| *Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1470 tal-10 ta' Settembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 321, 13.9.2021, p. 32-42 | 10853/21 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1464 tal-10 ta' Settembru 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 321, 13.9.2021, p. 1-11 | 10855/21 |

| | |
|---|---|
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1470 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1464 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 367I, 13.9.2021, p. 1-2 | 10856/21 |
| Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 367I, 13.9.2021, p. 3-4 | 10856/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-17 ta' Settembru 2021** | **CM 4495/21** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan | 11713/21 REV 2 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4661/21** |
| *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1712 tat-23 ta' Settembru 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni<br>ĠU L 341, 24.9.2021, p. 1-4 | 12020/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4674/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim ŻEE (Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1731 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda proposta tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 1-2 | 10931/21 |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4675/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1732 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 3-4 | 11220/21<br>11221/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4676/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendar tal-Protokoll 30 dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika u tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, annessi mal-Ftehim ŻEE (Programm tas-Suq Uniku)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1733 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emendar tal-Protokoll 30 dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika u tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, annessi mal-Ftehim ŻEE (Programm tas-Suq Uniku) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 5-6 | 11224/21<br>11225/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4677/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Orizzont Ewropa)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1734 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Orizzont Ewropa) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 7-8 | 11228/21<br>11229/21 |

| Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021 | CM 4678/21 |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +))*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1735 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +)) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 9-10 | 11232/21<br>11233/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4679/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Erasmus +)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1736 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Erasmus +) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 11-12 | 11237/21<br>11238/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4680/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Programm Ewropa Diġitali)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1737 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Programm Ewropa Diġitali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 13-14 | 11241/21<br>11242/21 |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4681/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1738 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 15-16 | 11254/21<br>11255/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4682/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Programm Ewropa Kreattiva)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1739 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet anness mal-Ftehim taż-ŻEE (Il-Programm Ewropa Kreattiva) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 17-18 | 11258/21<br>11259/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4683/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Programm LIFE)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1740 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Programm LIFE) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 19-20 | 11527/21<br>11528/21 |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4684/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Programm EU4Health)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1741 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, anness mal-Ftehim ŻEE (Il-Programm EU4Health) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 21-22 | 11534/21<br>11535/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Settembru 2021** | **CM 4685/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE (it-3 u r-4 Pakketti Ferrovjarji)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1742 tat-23 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE (it-3 u r-4 Pakketti Ferrovjarji) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 348, 1.10.2021, p. 23-26 | 11744/21<br>11745/21<br>11746/21 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-24 ta' Settembru 2021** | **CM 4688/21** |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1725 tal-24 ta' Settembru 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni<br>ĠU L 344, 29.9.2021, p. 5-6 | 11875/21 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-24 ta' Settembru 2021** | **CM 4466/21** |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 540(3) ta' dak il-Ftehim li matulu l-profili tad-DNA u l-marki tas-swaba' jistgħu jiġu skambjati mar-Renju Unit*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1729 tal-24 ta' Settembru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 540(3) ta' dak il-Ftehim li matulu l-profili tad-DNA u l-marki tas-swaba' jistgħu jiġu skambjati mar-Renju Unit<br>ĠU L 345, 30.9.2021, p. 36-38 | 11697/21 |